MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1205/2002

**SILVAR Construction and Services Limited.**

**-vs-**

**Joseph SCERRI u John DEBONO rispettivament bhala Sindku u Segretarju u in rappreżentanza tal-Kundsill Lokali Bormla.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fit-28 ta' Ottubru, 2002, li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Illi s-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla, ghamlet xoghol ta’ bankini (inkluz il-qlugh tal-bankini antiki) concrete, concrete print, qtugh ta’ tarmac, tqeghid ta’ pajp tal-PVC u WSC boxes, thaffir ta’ hofor ghall-arbli, tappiri, crash barrier stays, electricity connection u xoghol iehor fi triq Dahlet it-Tlett Ibliet, f’ Bormla;

Illi s-socjeta’ attrici ghalkemm thalset akkont ghad ghandha tiehu s-somma ta’ sittax-il elf tlett mija u tnejn u hamsin lira u sittin centezmu (Lm16,352.60), bilanc tal-prezz tax-xoghol imsemmi;

Illi minkejja li gew interpellati biex ihallsu kemm bonarjament kemm permezz ta’ ittra ufficjali, l-konvenuti nomine baqghu ma halsux.

Ghalhekk is-socjeta attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundannhom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sittax-il elf tlett mija u tnejn u hamsin lira u sittin centezmu (Lm16,352.60) bilanc tal-

prezz ta’ xoghol ta’ bankini, concrete, concrete
print, qtugh ta’ tarmac, tqeghid ta’ pajp tal-PVC u WSC boxes, thaffir ta’ hofor ghall-arbli, tappiri, crash barrier stays, electricity connection u xoghol iehor fi triq Dahlet it-Tlett Ibliet, f’ Bormla;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-23 ta’ Frar, 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Lulju, 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-dati ta’ l-invoices, kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti nomine, li naqsu li jipprezentaw in-Nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti nomine **tiddeciedi billi tilqa' t-talba** tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------